MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 3/2007

**Jesmond u Carmen Spiteri**

**vs**

**Cutajar Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Frar, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fid-29 ta' Marzu 2006 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mija u tmienja u hamsin Liri Maltin (Lm458) rapprezentanti prezz ta' dish washer li wara li ntuza ghal ftit zmien kellu diversi nuqqasijiet li ma gewx solvuti.

L-intimatipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduti.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal mar jaghmel access fuq il-post u wara li vverifika l-fatti;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtaw dish washer fis-sena 2003 ghall-prezz ta' erba' mija u tmienja u hamsin Liri Maltin (Lm458), li kellu tliet snin garanzija u li kellu diversi hsarat billi kien jaghmel fwar mal-bieba ta' l-injam u l-Board ta' taht. Minkejja li ppruvaw isewwuh xorta wahda baqa' bl-istess problema tant li biz-zmien hareg is-sadid.

L-intimat issottometta li d-dish washer dejjem hadem sew.

It-Tribunal mar jaghmel spezzjoni fil-fond darbtejn u wara li ra d-dish washer jinnota li hemm hafna sadid.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b' dan illi d-dish washer isir proprjeta` ta' l-intimat wara li jsir il-hlas."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` mharrka li talbiet ir-revoka taghha ghab-bazi tas-segwenti zewg aggravji:-

(1) La t-Tribunal kien hu stess ta' l-opinjoni li l-kaz kien jimmerita l-hatra ta' espert ma kienx messu

indetreggja lura fuq il-pretest li ma setax isib tali espert biex, invece, jopta li jikkonduci l-access u l-verifika okkorrenti ta' l-ilment ta' l-appellati hu nnifsu;

(2) F' kull kaz, lanqas seta' t-Tribunal jiddeciedi l-kontroversja fuq il-bazi ta' raguni li ma kienetx dedotta mill-appellati fil-korp ta' l-Avviz;

Il-Qorti ezaminat kif jixraq l-atti tal-kaz u ssib li l-aggravji huma sew fondati u li l-mod tal-konduzzjoni tal-procediment, u dik tal-konstatazzjoni maghmula b' fondament tal-parti razzjonali tas-sentenza appellata, tabilhaqq jippekkaw minn vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali di fronte ghas-socjeta` appellanti;

Fil-qosor, il-kwadru ta' l-antecedenti ghas-sentenza appellata huma kif gej:-

(1) Bl-Avviz taghhom l-appellati talbu t-tiswija jew ir-rimpjazzament ta' dishwasher mixtri minghand is-socjeta` appellanti. Ir-raguni ta' din it-talba taghhom tirposa fuq il-premessa illi dan l-oggett kien inadatt ghaliex, u nonostante tiswija li saritlu, baqa' jipproduci *condensation*. Is-socjeta` appellanti kkontestat din l-allegazzjoni u fl-istess risposta taghha ssuggeriet li jitqabbad espert kwalifikat;

(2) Skond verbal tal-20 ta' Gunju 2006 l-kawza giet differita sabiex jigi nominat espert ghall-ispezzjoni ta' l-*appliance* komprat;

(3) B' ittra taghhom tas-26 ta' Settembru 2006 l-appellati informaw lit-Tribunal illi l-espert kien ghadu ma zammx access. Barra minn dan, gharrfuh ukoll illi rriskontraw il-formazzjoni ta' sadid li kien qed jimpedixxi l-gheluq sew tal-bieba tad-*dishwasher*;

(4) Fit-3 ta' Ottubru 2006 it-Tribunal iddekreta li ma setax isib espert fuq il-materja u kien ser jaccedi hu stess ghall-ezami tal-lanjanzi. Is-socjeta` appellanti intavolat zewg rikorsi bl-insistenza li l-materja kienet ta'

indoli purament teknika u li verifiki necessarji kellhom isiru tramite konsulenza teknika. Iz-zewg rikorsi b' din it-talba gew michuda mit-Tribunal;

(5) In segwitu t-Tribunal ghadda ghad-decizjoni b' *ratio decidendi* bazata fuq il-motivazzjoni illi fl-ispezzjonijiet mizmuma minnu kien innota hafna sadid;

Premess dan il-kwadru l-Qorti jidhrilha li ghandha tibda biex tezamina t-tieni aggravju kostitwenti allegazzjoni tal-ksur tal-principju *audi alteram partem*;

Huwa fatt illi r-raguni li fuqha t-Tribunal ibbaza l-konkluzjoni tieghu, u cjoe dik tal-verifika tal-"hafna sadid", ma kienetx mill-appellati dedotta fil-premessa originarja tat-talba fl-Avviz. Fil-fatt it-Tribunal gie hekk edott minn dan l-ilment b' semplici ittra mibghuta lilu fil-kors tal-procediment. In-nuqqas ta' konoxxenza ta' dan l-ilment mis-socjeta` appellanti jivvjola certament il-principju tal-kontradittorju in kwantu din ma nghatatx il-possibilita li tirreagixxi ghalih u li taghmel l-osservazzjonijiet difensjonali taghha fir-rigward. Huwa ben car mill-istess argoment li fuqu tistrieh id-decizjoni illi s-socjeta` appellanti ma kellhiex il-possibilita` li tiddiskuti il-parti razzjonali tas-sentenza u li tikkontrapponi ghalih dawk l-elementi, kapaci li jwasslu ghad-determinazzjoni ta' konvinciment divers. Kif inhu sew insenjat, il-principju jikkostitwixxi regola processwali inderogabbli ta' ordni pubbliku (**Kollez. Vol. XXXII P II p 350**) li ghandha tigi rispettata dejjem u verifikata *ex ante* id-decizjoni. Fis-sewwa, anke b' risposta ghal certa sottomissjoni ta' l-appellati, il-valutazzjoni ta' l-osservanza tar-regola ma tistax tiddependi mill-kontenut tad-decizjoni adottata u dik ta' l-affermazzjoni generali li dik id-decizjoni hi, fil-konkret, wahda gusta;

In konkluzjoni fuq dan il-punt, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi t-Tribunal zbalja meta ma tahx lis-socjeta` appellanti l-opportunita` li tkun taf ir-rizultanza, (li ma

hargetx mill-att promotur tal-gudizzju jew mill-istruttorja tal-kaz izda minn semplici ittra), li l-istess Tribunal kien behsiebu jezamina ghall-formazzjoni tal-konvinciment proprju;

Fuq l-ewwel motiv ta’ aggravju din il-Qorti tixtieq tikkummenta illi l-fatt dedott tal-*condensation* fl-*appliance* komprata kien kjarament indikattiv illi l-kwestjoni kienet tirrikjedi l-parir ta’ espert tekniku. Kif drabi ohra intqal, jekk il-fatti tal-kawza jkunu tali li ma jkunx jista’, bl-apprezzament tal-bniedem komuni u fil-limiti tal-konoxxenza ta’ materja teknika li jista’ jkollu bniedem ordinarju jasal biex jifforma opinjoni fuq bazi ta’ ekwita dwar il-gustizzja tat-talba ta’ l-applikant, il-gustizzja sostantiva li jsemmi l-Artikolu 21 (1) ta’ l-Att *de quo* kienet tezigi l-hatra ta’ espert. Issokta jigi ritenut illi din l-esigenza u dik l-ohra ta’ l-ekwita jiprospettaw apprezzament gust tal-fatti provati. “L-espressjoni ta’ opinjoni fuq il-kredibilita` tal-versjoni ta’ l-appellat kellu jkollha fil-minimu s-sostenn u l-konvalidita` ta’ opinjoni teknikament esperta”. Ara “**Carmen Borg (Abela) -vs- Ronald A Cachia (Phoenicia Laundrey and Dry Cleaning)**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 5 ta’ Ottubru 1998;

Issa huwa veru dak ritenut mill-appellati fit-twegiba taghhom ta’ l-appell illi, skond ma jinghad fl-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12, il-Qorti ma hijiex tenuta taccetta l-konkluzjoni ta’ perizja teknika kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Apparti l-fatt accertat illi fil-kaz in ispecje ma tezisti ebda relazzjoni teknika, la darba ebda espert ma gie mahtur, ghandu jinghad ukoll b’ riflessjoni ghas-sottomissjoni ta’ l-appellati illi kif espress sa ricentement minn din l-istess Qorti, kif presjeduta, “lanqas pero` ma tista’ (il-Qorti) leggerment tiddiskosta ruhha minnha (il-perizja) jekk ma ssibx fuq il-pjan tekniku li din hi inattendibbli jew konfliggenti mad-dettami tax-xjenza specjalizzata in materja. Ikollu jizdied illi ebda gudikant ta’ dehen, anke jekk munit b’ konjizzjoni xjentifika partikulari ma jazzarda jponi din l-istess konoxxenza individwali

tieghu tal-materja fuq dik ta' l-espert u tat-testijiet accertati meta tkun tonqos fih dik l-*expertise* necessarja li kapaci tikkonfuta b' motivazzjoni kongruwa u sobrija r-ragunijiet ta' l-istess konsulent tekniku maghzul minnha" ("**Rene` Savona Ventura -vs- Crosscraft Ltd – Clyde Farrugia**", Appell mit-Tribunal *de quo*, 9 ta' Mejju 2007).

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh fiz-zewg kapi ta' l-aggravji tieghu u b' hekk il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Il-kawza qed tigi differita ghall-14 ta' Novembru 2007 biex hemm il-Qorti tappunta espert tekniku in materja u wara tghaddi ghat-trattazzjoni u definizzjoni tal-kawza skond kif stabbilit fl-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378. L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------